**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

31 ta' Marzu 2024


# L-GĦID IT-TAJJEB!



Il-Lhud kienu jiċċelebraw l-Għid biex ifakkru l-ġrajja ta' meta huma ħelsu mill-jasar tal-Eġittu u bdew vjaġġ kbir lejn l-Art Imqaddsa. Meta aħna l-Insara niċċelebraw l-Għid, infakkru kif Kristu għadda mill-esperjenza tal-mewt biex imbagħad għadda għall-ħajja tal-Qawmien.

Għalina l-Insara, l-Għid mhuwiex biss tifkira ta' storja u memorja ta' bniedem li ħa l-mewt. Kristu huwa ħaj! Għalhekk xħin aħna nagħtu l-Għid it-Tajjeb inkunu qed nawguraw lil xulxin li aħna ngawdu u nifirħu għall-fatt li Ġesù huwa dejjem magħna.

F'dan Ħadd il-Għid għandna l-purċissjoni tal-Irxoxt wara l-quddiesa konventwali fit-8:30am.

*L-Għid it-Tajjeb!*

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## It-Tberik

- It-tberik tal-familji se jibda mit-Tnejn l-ewwel t'April.
- Dis-sena għandna tmien saċerdoti li offrew li jżuru l-familji.
- Il-ħinijiet tat-tberik ikunu mit-8:30am sal-11:30am u mit-3:30pm sas-7:00pm.
- Dis-sena se nidħlu għand dawk kollha li jixtiequ jbierku. Għalhekk ħudu paċenzja u stennew ftit jew inkella ħallu l-bieb miftuħ.

## Avviżi:

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 5 ta' April hija l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Għalhekk filgħaxija wara l-quddiesa tal-5:00pm mistednin għas-siegħa tal-Ħniena Divina.

**PLAY FIL-MUSEUM TAS-SUBIEN:** bl-isem *Min għandu ż-żmien ma jistenniex żmien.* Fiha tagħlim għall-familja kollha. Se ssir darbtejn - nhar il-Ġimgħa 5 ta' April fis-7:30pm u l-Ħadd 7 ta' April fis-6:00pm. Kulħadd huwa mistieden.

**LAQGĦA TAL-EWWEL SIBT GĦALL-OLD BOYS U ĠUVINTUR FIL-MUSEUM TAS-SUBIEN:** nhar is-Sibt 6 ta' April fit-8:00pm. Il-kelliem ser ikun Dr Mario Saliba M.D. u s-suġġett huwa "In-Nadur u Għawdex fi żmien l-Arċipriet Dun Martin Camilleri". Il-ġuvintur u l-old boys kollha huma mistiedna.

**FESTA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ħadd 7 t'April. Din hija festa li talab li ssir Ġesù nnifsu. Fl-4:00pm tibda l-adorazzjoni li tispiċċa bil-Barka Sagramentali. Fil-5:00pm ikun hemm il-quddiesa tal-okkażjoni.

**AVVIŻ MILL-AZZJONI KATTOLIKA:** billi qed jaqleb għall-ħin tas-sajf, navżaw li l-laqgħa tal-irġiel tal-Azzjoni Kattolika minn din il-ġimgħa se tibda ssir nhar t'Erbgħa wara l-quddiesa tal-5:00pm. Dawk li huma interessati mistiedna biex isieħbu lil dawk li jattendu.

**GRAZZI!** Issa li għaddew il-festi tat-Tridu tal-Għid, nixtiequ nroddu ħajr lil kull min ta sehmu fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Nirringrazzjaw ukoll lil kull min għen b'xi mod ieħor fl-amministrazzjoni tal-sagramenti u fix-xogħol kollu li jitwettaq sewwa fil-knisja u anke f'attivitajiet oħra marbutin ma' dan iż-żmien Qaddis.

**BDIL GĦALL-ĦIN TAS-SAJF:** fil-lejl ta' bejn is-Sibt 30 u l-Ħadd 31 ta' Marzu naqilbu għall-ħin tas-sajf. Infakkrukom illi l-quddiesa li kienet tkun fis-6:30pm mit-Tnejn sas-Sibt, issa tibda tkun fis-7:00pm.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am